**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 24 ta' Lulju, 2020**

**Avviz Numru 59/2020**

**Charles Grech & Co Ltd**

**Vs**

**Vigourtech Limited**

**Bo Patrik Alvegren**

Il-Qorti,

Rat l-Avviz tas-Socjeta' Attriciipprezentat fl-14 ta' Mejju, 2020 li permezz tieghu talbet lill-konvenuti jghidu ghaliex m' ghandhomx ikunu ikkundannati minn din il-Qorti sabiex thallas lis- Socjeta' Attrici:

*"Is-somma ta' sebat elef disa' mija u tmienja u sittin Ewro u tnejn u sebghin centezmu (7968.72c) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' Merkanzija u prodotti mibjuha u konsenjati lilha.*

*Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment u bl-imghaxx bl-ghola rata permessa mill-Ligi kontra l-intimati l huma minn issa ngunt ghas-subizzjoni."*

Rat li l-konvenuti debitament notifikati fid-29 ta' Mejju, 2020 baqghu ma dehrux quddiem din il-Qorti sabiex jikkontestaw il-kawza u lanqas ma prezentaw ebda risposta.

Rat illi fl-udjenza tat-3 ta' Lulju, 2020 il-konvenuti msejhin diversi drabi ma dehrux u ghalhekk il-Qorti awtorizzat lis-Socjeta' Attrici, fuq talba taghha stess, sabiex tipprezenta Kapitolu ghas-subizzjoni tal-attur, liema Kapitolu gie pprezentat seduta stante u gie approvat mill-Qorti.

Rat illi fil-kapitoli ghas-subizzjoni tal-konvenuti, l-attur talab lill-konvenuti jikkonfermaw li ghandhom ihallsu l-ammont pretiz flimkien mal-ispejjez tal-kawza u l-imghaxxijiet legali.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-subizzjoni tal-konvenuti ghallum stess.

Rat illi fis-seduta tallum il-konvenuti ma dehrux ghas-subizzjoni taghhom sabiex iwiegbu ghad-domanda tas-Socjeta' Attrici.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti tirrileva illi l-kapitolu hu fatt processwali li jgib mieghu effetti specifici, espressament previsti u determinati mill-ligi taht il-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta [ara Artikoli 698(2) u 702(3)]. Minn tali dispozizzjonijiet huwa dezunt illi l-kapitolu hu mezz dirett biex jipprovoka konfessjoni gudizzjali f'min lilu jigi deferit ta' fatt sfavorevoli ghall-kapitolat u ta' vantagg ghall-parti li pprezentatu. Il-Qorti taghmel referenza ghad-

decizjoni fl-ismijiet **Anthony Borg v. Samwel Veneziani**[1] illi *"din ic-cirkustanza hi hafna rilevanti ghaliex tfisser illi bin-nuqqas tal-konvenutappellat li jidher biex jikkontesta l-kapitolu, saret prova posittiva li l-ammont rekalmat mill-attur kien dovut lilu ghal ragunijet minnu pretizi u dana bl-ammissjoni – anke jekk negattiva fis-sens ta' non kontestazzjoni – ta' l-istess konvenut."*

Madanakollu, ghalkemm huwa veru li l-kapitoli, meta s-subent ma jkunx wiegeb ghalihom u ma jkunx iggustifika l-omissjoni tieghu li jikkontesta l-kawza formalment, ghandhom jitqiesu bhala konfessjoni, dana ma jfissirx li min hu tenut jiggudika huwa obbligat joqghod dejjem fuq dik il-prezuntakonfessjoni. Issubizzjoni hija mezz ta' prova, u ghandha tigi ezaminata u evalwata flimkien malprovi l-ohra kollha tal-kawza, b'mod illi, jekk il-kapitoli ma jkunuxkombacanti mal-provi l-ohra tal-kawza, u l-gudikant jidhrilu li ghandu jaghti prevalenza lil dawk il-provi l-ohra, l-konfessjoniprezuntaderivanti mis-subizzjoni ghandha ccedi quddiem dawk il-provi l-ohra. F'dan is-sens ara d-decizjoni fl-ismijiet **Tabib Dr. Antonio Zammit et v. Francesco Pace et[2]**. In tema, kemm id-duttrina legali kif ukoll il-gurisprudenza, issoktawjaffermaw, u jikkawtelaw ukoll, illi tali prova wehida mhux necessarjament u bilfors ghandha tiddemostra l-fondatezza tal-pretensjoni tal-parti attrici in kwantu dak l-istat migjub in essere bil-kapitolu ma ghandux ifisser li qed jintroduciderogi ghall-principju tal-piz tal-provi.

Wara li l-Qorti hadet konjizzjoni ta' dan kollu, jirrizulta li t-talba tas-socjeta' attrici hija wahda fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b' xi mod turi li dak li intqal minnha m' ghandiex mis-sewwa.

**DECIDE**

---

[1] Appell Inferjuri, 28 t' April 1998
[2] Prim' Awla, 28 ta' Gunju, 1952

Ghaldaqstant, il-Qorti qieghda taqta u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-Socjeta' Attrici u konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-Socjeta' Attrici s-somma ta' sebat elef disa' mija tmienja u sittin ewro u tnejn u sebghin centezmu (€7968.72c) bl-imghaxxijiet legali kif mitlub sad-data tal-hlas effettiv u bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment.

________________________

**Dr. Audrey Demicoli**

**Magistrat**

_________________________

Graziella Abela

Deputat Registratur